**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 23 ta' Frar, 2001

**Numru 15**

**Avviz. numru 1870/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Heidi Micallef**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disa' liri Maltin disgha u sittin centezmu (Lm209.69) rapprezentanti access ghall-uzu ta' "mobile telephone" u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mill-21 ta' Marzu, 1998, sal-1 ta' April, 2000;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin disgha u sittin centezmu (Lm209.69), bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**